# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021**

**Kawża Nru. 20**

**Rik. Nru. 837/17 JRM**

Jeffrey **CARUANA**, George Sammut, Emanuel Cardona, Henry Holland, Raymond Vella, Carmel Pace, Lorenza Borġ Savona (magħrufa bħala Lorenza Borġ), Anna Bailey, Catherine Spiteri u Margaret Mamo

vs

**ONOR. MINISTRU GĦALL-FINANZI**, Onor. Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, u Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Settembru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti (i) ssib ma tiswiex u meħuda għal għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq kunsiderazzjonijiet

mhux rilevanti u bi ksur tal-liġi[1] d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali li biha ma laqax it-talba tagħhom sabiex jingħataw il-pensjoni tat-Teżor u s-somma msemmija fil-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) tordna li jkunu ittrattati bl-istess mod mill-imħarrkin bħal dawk l-uffiċjali pubbliċi li gawdew mill-imsemmija somma u pensjoni tat-Teżor. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħaħ il-jeddijiet kollha tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Settembru, 2017[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Ottubru, 2017, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Onor. Ministru għall-Familja Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi tħarrku għalxejn billi ma humiex il-kontraditturi leġittimi; (ii) l-istħarriġ li qed jitolbu r-rikorrenti ma jaqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" skond id-disposizzjoni tas-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12; (iii) jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ fl-atturi biex iressqu l-azzjoni ħlief, fejn tidħol l-attriċi Lorenza Borġ Savona, billi l-korrispondenza li għaddiet saret magħha biss u mhux mal-atturi l-oħrajn u għaldaqstant l-egħmil li qed jintalab li jkun mistħarreġ ma sarx lill-atturi l-oħrajn; (iv) li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 ma taħsibx għal azzjoni popolari bħal ma hija din l-azzjoni; u (v) safejn din l-azzjoni tissejjes fuq l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tgħoddx għal persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku. Fil-mertu, jiċħdu x-xiljiet attriċi w jgħidu li l-atturi ma għandhom ebda jedd għall-pensjoni tat-Teżor għar-raġunijiet hemm imfissra, kif ukoll ir-rimedju li qed jitolbu ma jistax jingħata minn din il-Qorti, b'hekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Ottubru, 2017[3], li bih ir-rikorrenti jiddikjaraw li din l-azzjoni qed titressaq bħala azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux azzjoni popolari taħt l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2017, li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, kienet se tisma' u tagħti deċiżjoni dwar is-siwi tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiemha mill-partijiet b'rabta mal-imsemmija eċċezzjonijiet;

[1] Art. 27 tal-Kap 452
[2] Paġġ. 27 sa 28 tal-proċess
[3] Paġ. 37 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2018[4], li bih ordnat li t-trattazzjoni tal-kawża dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari ssir bil-miktub u tat żmien lill-partijiet biex isir dan;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-18 ta' April, 2018[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-25 ta' Mejju, 2018[6], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti rilevanti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jilmentaw minn ċaħda li ngħatat mill-imħarrek Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali għal talba mill-attriċi Borġ Savona biex jawtorizza l-ħruġ ta' pensjoni tat-Teżor "*ex gratia*" u l-ħlas ta' somma li għaliha jkunu intitolati uffiċjali pubbliċi bħalma ngħataw lil għalliema oħrajn bħalha fis-Servizz Pubbliku, ukoll uħud anqas minnha fl-anzjanita` f'dak li hu servizz pubbliku. L-atturi jgħidu li din id-deċiżjoni hija inġusta, toħloq diskriminazzjoni, ittieħdet għal raġunijiet mhux xierqa, u tikser il-liġi, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Jitolbu għaldaqstant li jingħataw trattament kif mistħoqq biex b'hekk ikollhom jedd għas-somma u pensjoni tat-Teżor. L-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jisħqu li t-talba tar-rikorrenti ma treġix kemm proċeduralment kif ukoll fil-mertu;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-atturi huma lkoll għalliema (xi wħud minnhom irtirati mis-servizz) li bdew jaħdmu fis-Servizz mal-Gvern qabel Ottubru, 1979[7]. F'Marzu 2017, l-attriċi Borġ Savona kitbet lill-Uffiċju tal-Prim Ministru fejn ilmentat mill-fatt li persuni li daħlu fl-impjieg mas-settur pubbliku fi Frar 1980 bħala għalliema klassi 2 (*teacher grade 2*), ser jirċievu pensjoni tat-Tezor, filwaqt li lilha din il-pensjoni ma kinitx se tingħatalha minkejja li kienet daħlet f'impjieg fis-settur pubbliku qabilhom. L-ewwel impjieg tal-attriċi Borġ Savona fis-settur pubbliku kien fl-24 ta' Settembru, 1979[8];

[4] Paġ. 66A tal-proċess
[5] Paġġ. 94 sa 101 tal-proċess
[6] Paġġ. 102 sa 112 tal-proċess
[7] Dok. "A" f'paġġ. 9 sa 10 tal-proċess
[8] Dok. "D" f'paġ. 14 tal-proċess

Illi din il-materja taqa' taħt is-setgħat tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali[9], u b'korrispondenza li ġġib id-data tat-23 ta' Marzu, 2017, is-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru bagħat jgħarraf lill-attriċi Borġ Savona li, għall-għanijiet ta' pensjoni, il-Gvern jagħraf bejn uffiċjali pubbliċi li daħlu mas-servizz pubbliku qabel Jannar 1979 u dawk li daħlu wara dik id-data. Ġibdilha l-attenzjoni għall-fatt li l-għalliema li hija qabblet il-qagħda tagħha magħhom kien ilhom fl-impjieg fis-settur pubbliku qabel il-15 ta' Jannar, 1979[10];

Illi b'ittra tat-12 ta' April, 2017[11], l-attriċi Borġ Savona għal darb'oħra kitbet lis-Segretarju Permanenti mħarrek, u qaltlu li kienet qiegħda tirreferi għall-pensjoni maħruġa "*ex gratia*" lil xi għalliema u talbet sabiex hi tiġi meqjusa għal skop ta' pensjoni bl-istess mod. Għal din l-ittra, l-attriċi Borġ Savona ma ngħatat ebda tweġiba;

Illi jirriżulta li l-għalliema li Borg Savona kienet qed tirreferi għalihom fl-ittra tagħha tat-12 ta' April, 2017, kienu ressqu każ mal-Uffiċju tal-Prim Ministru, twaqqaf '*working group*' biex jistħarreġ il-pretensjoniijiet tagħhom, u nħarġet rakkomandazzjoni favur tagħhom[12];

Illi fl-istess żminijiet, bejn Marzu u April 2017, l-attriċi Borġ Savona għamlet kuntatt ma' wħud mir-rikorrenti u ngħaqdu biex jieħdu azzjoni flimkien[13]. Jirriżulta wkoll li l-attur Vella fil-21 ta' April, 2017, saħansitra ressaq ilment f'ismu dwar din il-ħaġa mal-Uffiċju tal-*Ombudsman*[14];

Illi fil-15 ta' Mejju, 2017[15], intbagħtet ittra legali f'isem l-atturi kollha lis-Segretarju Permanenti mħarrek sabiex jingħataw għarfien għall-jedd tagħhom għall-istess pensjoni. Fit-12 ta' Lulju, 2017[16], l-atturi ressqu protest għall-istess għan kontra l-imħarrkin, għal liema talba l-imħarrkin laqgħu b'kontro protest tas-26 ta' Lulju, 2017[17], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħad it-talba;

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fl-14 ta' Settembru, 2017;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jirrigwardaw it-tliet eċċezzjonijiet preliminari li dwarhom qiegħda tingħata din

[9] Ara x-xhieda ta' Mark Musu f'paġġ. 39 u 40 tal-proċess
[10] Dok. "C' f'paġġ. 12 u 13 tal-proċess u Dok. "D" f'paġ. 14
[11] Dok. "B" f'paġ. 11 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Mark Musu f'paġġ. 41 sa 44 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Emanuel Cardona, Raymond Vella, George Sammut u Margaret Mamo, f'paġġ. 54 sa 66 tal-proċess
[14] Dok. "RVA" f'paġġ. 67 sa 73 tal-proċess
[15] Dok. "ISB 1" f'paġ. 75 tal-proċess
[16] Dok. "ISB2" f'paġġ. 76 sa 85 tal-proċess
[17] Dok. "ISB3" f'paġġ. 86 sa 89 tal-proċess

is-sentenza, il-Qorti tara li l-atturi jibnu l-każ tagħhom fuq xilja ta' nuqqas ta' raġonevolezza u trattament diskriminatorju f'deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-imħarrkin, jew min minnhom. Jisħqu li d-deċiżjoni ttieħdet sforz kunsiderazzjonijiet mhux tajba (jekk mhux saħansitra irrilevanti) u bi ksur tal-liġi li wasslithom biex tellfithom it-tgawdija ta' pensjoni li kellhom jedd għaliha. B'riħet it-tliet eċċezzjonijiet preliminari, l-imħarrkin jgħidu li dik id-deċiżjoni ma tistax tissejjaħ "egħmil amministrattiv" kif imfisser fl-Artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li, f'kull każ, safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta[18], l-atturi ma jistgħux jistrieħu fuq dik il-liġi li ma tgħoddx għall-ħaddiema fis-servizz pubbliku. Eċċezzjoni oħra tgħid li jonqos fl-atturi (għajr għall-attriċi Borġ Savona) l-interess ġuridiku li jressqu l-kawża, billi t-tweġiba mogħtija mis-Segretarju Permanenti mħarrek kienet dwar it-talba li għamlitlu l-attriċi msemmija, u ma kienx qed iwieġeb għall-atturi l-oħrajn;

Illi għal dak li jirigwarda t-**tieni eċċezzjoni preliminari**, l-imħarrkin jgħidu[19] li l-atturi ma ressqu ebda applikazzjoni kif kien mistenni minnhom li jagħmlu sabiex jingħataw il-pensjoni tat-Teżor. Itennu li l-liġi titlob li biex persuna tingħata l-pensjoni tat-Teżor hemm proċess li jinbeda b'applikazzjoni bil-miktub[20]. Huma jgħidu li kienet biss l-attriċi Borġ Savona li kitbet lis-Segretarju Permanenti bħala "*query*" u hu weġibha għaliha billi fissrilha kif il-każ tagħha ma setgħetx tqabblu ma' dak tal-persuni li kienet qiegħda tqabbel lilha nnifisha magħhom. Dwar l-ittra li bagħtitlu fit-12 ta' April tal-2017, l-imħarrkin jisħqu li s-Segretarju Permanenti mħarrek ma weġibhiex u għalhekk ma jista' jingħad bl-ebda mod li kienet ittieħdet xi deċiżjoni u li, f'dan il-każ in-nuqqas ta' tweġiba ma tistax tinftiehem bħala rifjut ta' talba dwar xi ordni, liċenzja, permess, *warrant* kif maħsub fil-liġi dwar "egħmil amministrattiv";

Illi, min-naħa tagħhom, jilqgħu għal dawn l-argumenti billi jgħidu li fil-konfront tal-għalliema li ngħataw "*ex gratia*" il-pensjoni tat-Teżor, id-deċiżjoni favorevoli ttieħdet minn bord imwaqqaf għal dan il-għan u mhux għaliex dawk li ħaduha kienu ressqu xi talba għaliha u mhux għaliex ġew mitluba jissottomettu applikazzjoni. Iżidu jgħidu li n-nuqqas ta' tweġiba tas-Segretarju Permanenti għat-talba speċifika li l-attriċi Borġ Savona għamlitlu fl-ittra tagħha tat-12 ta' April, 2017, għandha titqies bħala rifjut għaliex kienet tirrigwarda talba speċifika. Kienet ukoll ittenni l-qagħda uffiċjali tad-Dipartiment kif murija fl-ittra elettronika tat-23 ta' Marzu ta' qabel li fiha l-imħarrek Segretarju Pemanenti kien ċaħad li l-attriċi u kull min kien fil-qagħda tagħha kienu qegħdin jingħataw trattament diskriminatorju. L-atturi jtemmu jgħidu li, bid-deċiżjoni tiegħu, is-

[18] L-Att tal-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali
[19] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati f'paġġ. 95 – 6 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Mark Musu f'paġ. 40 tal-proċess

Segretarju Permanenti mħarrek ippreġudika l-qagħda tagħhom għal kollox billi d-direzzjoni li ta hija ċara u bla tlaqliq[21];

Illi l-Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti tifsira ta' x'inhu l-"egħmil amministrattiv" li din il-Qorti tista' tistħarreġ f'kawża taħt din il-proċedura speċjali. Il-liġi tfisser l-imsemmi "egħmil" bħala "l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`. .. .". Jekk kemm-il darba għemil ma jkunx jaqa' taħt din it-tifsira, il-Qorti ma tistax tistħarrġu taħt dak l-artikolu f'azzjoni bħal din, għalkemm mhux esklużli tista' tistħarrġu taħt is-setgħat ġenerali tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju fil-każijiet li ma jkunux jaqgħu fil-parametri speċifiċi ta' azzjoni taħt l-Artikolu 469A;

Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorita` pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita`. L-għemil jista' jkun kemm fis-sura ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub, għalkemm mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita` pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita` pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[22];

Illi, madankollu, irid jingħad li taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita` li tkun, u jekk kemm-il darba dik l-awtorita` tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi, l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni mhix mistħoqqa u dan tgħidu għar-raġunijiet li ġejjin: l-ewwel, *l-email* tal-attriċi Borġ Savona tat-22 ta' Marzu, 2017, ma hijiex "*query*" kif qed jittantaw ipinġuha l-imħarrkin, iżda ilment li nġab għall-attenzjoni tal-Uffiċju tal-Prim Ministru dwar xilja ta' mġiba jew trattament diskriminatorju fil-konfront tagħha. L-attriċi tisħaq li meta waslet biex tirtira, kienet ġiet mgħarrfa li kellha jedd għal-pensjoni tas-Sigurta` Soċjali

[21] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġġ. 104 sa 106 tal-proċess
[22] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.***

biss, iżda aktar tard saret taf li ħaddieħor ingħatatlu wkoll il-pensjoni tat-Teżor. B'dik il-korrispondenza l-attriċi talbet li tingħata trattament bl-istess mod u bl-istess jeddijiet. Fit-tieni lok, l-*email* tas-Segretarju Permanenti mħarrek tat-23 ta' Marzu, 2017[23], tieħu s-sura kemm ta' tweġiba informattiva (għaliex fiha wieħed isib l-għoti ta' tifsira għaċ-ċaħda tax-xilja ta' trattament diskriminatorju), u kif ukoll fehma aħħarija li dak li qed tilmenta dwaru l-attriċi ma huwiex minnu. Kemm hu hekk, is-Segretarju Permanenti mħarrek fl-istess *email* tiegħu itenni li "*.. on verifying the case, I can conclude that your situation is differenti ...*" u jagħlaq bil-frazi konkluživa li "*Your assertion of discrimination in our regard is thus unfounded*". Fit-tielet lok, il-Qorti tqis ukoll li l-kontro-protest imressaq mill-imħarrkin fis-26 ta' Lulju, 2017[24] huwa ttennija tal-istess konklużjoni tas-Segretarju Permanenti mħarrek, u għalhekk jikkonferma li, b'dik it-tweġiba tat-23 ta' Marzu, 2017, il-każ tal-atturi kien ingħalaq safejn jirrigwarda lill-amministrazzjoni pubblika. Fir-raba' lok, it-talba tal-attriċi Borġ Savona tat-12 ta' April, 2017[25], baqgħet mhux imwieġba mis-Segretarju Permanenti mħarrek 'il fuq minn xahrejn minn meta ntbgħatet l-ittra;

Illi l-Qorti ma tista' tilqa' bl-ebda mod is-sottomissjoni tal-imħarrkin li l-atturi ma kinux "applikaw uffiċjalment" biex jingħataw il-pensjoni. Il-liġi mkien ma tgħid li deċiżjoni li tikkostitwixxi "egħmil amministrattiv" trid tkun il-frott ta' xi applikazzjoni uffiċjali. F'każijiet bħal dawn, m'għandhomx jinħalqu kriterji mistħajla fejn il-liġi ma titlobhomx. Fil-każ tal-atturi, ma hemm l-ebda dubju li saret talba f'isimhom. Kienet talba li s-Segretarju Permanenti mħarrek qiesha bħala tali u wieġeb għaliha bħala tali. Qiesha minkejja li l-atturi ma kienu ressqu l-ebda applikazzjoni uffiċjali. Għalhekk, issa m'huwiex sewwa li jingħad li d-deċiżjoni attakkata ma kinitx ir-riżultat ta' xi talba uffiċjali;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda mis-Segretarju Permanenti mħarrek f'Marzu tal-2017 kienet waħda li taqa' fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" għall-finijiet kollha tal-liġi li taqa' taħt is-setgħat ta' stħarriġ minn din il-Qorti fl-għamla ta' kawża li ressqu l-atturi. In-nuqqas ta' tweġiba għall-ittra tat-12 ta' April, 2017, ukoll tkompli ttenni din il-fehma u t-tħaddim tad-dispożizzjoni relattiva tal-liġi;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra ssib li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhix tajba u mhux ser tilqagħha;

Illi t-**tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin tgħid, għajr għall-attriċi Borġ Savona, l-atturi l-oħrajn ma għandhomx l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din il-kawża, għaliex il-korrispondenza li għaddiet dwar dan il-każ

[23] Dok. "C" f'paġ. 12 tal-proċess
[24] Dok. "G" f'paġġ. 25 u 26 tal-proċess
[25] Dok. "B" f'paġ. 11 tal-proċess

kienet bejn l-imsemmija attriċi u s-Segretarju Permanenti mħarrek kienet biss dwar iċ-ċirkostanzi tagħha. Itennu li l-ebda wieħed jew waħda mill-atturi l-oħrajn ma ressqu talba għall-għoti tal-pensjoni, u l-liġi ma tagħtix li tista' titressaq azzjoni kollettiva ta' stħarriġ ġudizzjarju sakemm ma jintweriex li d-deċiżjoni tal-awtorita` pubblika tkun ingħatat fil-konfront ta' kull wieħed mill-atturi[26];

Illi, min-naħa l-oħra, l-atturi jilqgħu għal dawn l-argumenti billi jgħidu li l-attriċi Borġ Savona tkellmet f'isimhom ilkoll u d-deċiżjoni li ngħatat tolqothom ilkoll bl-istess mod. Għaldaqstant jeżisti l-element ġuridiku meħtieġ fl-atturi kollha biex setgħu jressqu din l-azzjoni[27];

Illi l-Qorti tqis li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur tal-prinċipji ta' ħaqq naturali fil-konfront tagħha, trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik, u li l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma", u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;

Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[28], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[29];

Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li jsir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[30];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[31], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[32]. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[33];

[26] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati f'paġġ. 97 sa 99 tal-proċess
[27] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġġ. 107 sa 110 tal-proċess
[28] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson v. Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[29] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et v. Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[30] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et v. Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[31] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manché v. Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[32] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri v. Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[33] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis v. Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)

Illi ġie stabbilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha[34], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għallinqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[35];

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita` tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[36]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem[37];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[38], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[39];

Illi l-Qorti tqis li fil-każ li għandha quddiemha, il-jedd li l-atturi jista' jingħad li għandhom biex imexxu 'l quddiem din l-azzjoni jirriżulta mill-fatt li huma lkoll fl-istess qagħda bħall-attriċi Borġ Savona, u jistgħu jibbenefikaw mill-pensjoni tat-Teżor kemm-il darba jirriżulta li għandhom jedd għaliha;

Illi d-diffikulta` li tqum f'din il-kawża hija waħda proċedurali li l-Qorti jeħtiġilha tistħarriġha. Huwa fatt li l-attriċi Borġ Savona, għalkemm setgħet kienet qiegħda f'kuntatt mal-atturi l-oħrajn, ressqet l-ilment tagħha mal-Uffiċju tal-Prim Ministru f'isimha. Is-Segretarju Permanenti mħarrek tal-anqas hekk ukoll fehem[40] tant li mill-istess korrispondenza jirriżulta li d-deċiżjoni li ngħatat fit-23 ta' Marzu, 2017, ittieħdet wara li s-Segretarju Permanenti talab lill-imsemmija attriċi dettalji marbuta mal-identita` tagħha[41]. Ma jirriżultax li kien intalab jistħarreġ fuq il-każ tal-atturi l-oħrajn ukoll. Madankollu, l-att ġudizzjarju li tressaq qabel infetħet din il-kawża kien imressaq mill-atturi kollha u l-pretensjonijiet fih kienu l-istess bħall-pretensjonijiet magħmula fiż-żewġ talbiet tagħhom f'din il-kawża. Xejn anqas minn hekk, l-att ġudizzjarju mressaq mill-imħarrkin (il-kontro-protest) jiċħad il-pretensjonijiet tagħhom ilkoll u mhux tal-mittenti Borġ Savona waħedha. B'dak l-att il-Qorti tifhem li, għall-imħarrkin

---

[34] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ v. Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[35] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt v. Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[36] Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Baluċi v. Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257**); u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb v. Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[37] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe v. Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)
[38] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq v. Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[39] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro v. Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[40] Ara x-xhieda ta' Mark Musu f'paġ. 44 tal-proċess
[41] Dok. "C" f'paġ. 12 tal-proċess

protestati, il-pretensjonijiet tal-protestanti kienu qegħdin jitwarrbu u jinċaħdu, u ma jidhrilhiex li l-atturi kellhom għalfejn joqogħdu jagħmlu talbiet formali kull wieħed u waħda minnhom biex ikunu ħarsu xi sura ritwali ta' proċedura amministrattiva li kienet se ġġibhom xorta waħda fil-qagħda li jinsabu fiha llum;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-atturi kollha għandhom l-interess meħtieġ biex imexxu 'l quddiem din il-kawża u tali interess jibqa' jgħodd sakemm ma joħroġx waqt is-smigħ tal-kawża li, fir-rigward tagħhom jew ta' min minnhom, ma jeżistux il-kundizzjonijiet li jsostnu t-talbiet tagħhom;

Illi, għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u mhix se tilqagħha;

Illi fil-**ħames eċċezzjoni preliminari** l-imħarrkin jgħidu li, safejn l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq dak li jgħid l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, dik l-azzjoni ma tiswiex għaliex dak l-artikolu ma jgħoddx għal persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku. Huma jgħidu li bit-tismija ta' dak l-artikolu, l-atturi jridu jwessgħu l-firxa tal-azzjoni tagħhom minn waħda msejsa fuq l-istħarriġ ġudizzjarju għal waħda mibnija fuq il-liġi tax-xogħol. Iressqu wkoll raġunijiet biex juru li dak l-artikolu ma jgħoddx għall-każ tal-atturi u jirreferu għal deċiżjoni mill-Qrati biex issaħħaħ dak l-argument;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jilqgħu għal din l-eċċezzjoni billi jgħidu li, fl-ewwel lok, l-azzjoni mressqa minnhom mhix imsejsa biss fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu msemmi tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Iżidu jgħidu li, bl-imsemmija eċċezzjoni, l-imħarrkin itennu argument li jmur kontra l-ispirtu tan-normattiva tal-Unjoni Ewropea u d-dikjarazzjonijiet programmatiċi li amministrazzjoni wara l-oħra f'Malta tagħmel minn żmien għal żmien biex titneħħa d-distinzjoni bejn ħaddiema fis-settur pubbliku u dawk fis-settur privat, fejn jidħlu kundizzjonijiet marbuta max-xogħol tagħhom u l-ħlas;

Illi l-Qorti tifhem li l-atturi kollha kienu jew huma impjegati fis-servizz pubbliku. Il-Qorti tagħraf ukoll li, fir-rigward ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, il-liġi tgħid ċar u tond li "servizz mal-Gvern huwa rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' mpjieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impjieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra"[42]. Tagħraf li f'xi każijiet li jolqtu t-tħaddim tal-Artikolu 27 tal-

[42] Art. 469A(6) tal-Kap 12

Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ngħad ukoll li "*l-artikoli tal-liġi invokati mill-atturi ma japplikawx għall-ħaddiema tal-gvern. L-Artikolu 84 tal-imsemmi Kap. 452 jgħid ċar u tond li l-Artikoli 27 u 42 huma esklużi u ma japplikawx għall-impjegati tal-gvern. Dak l-artikolu jsemmi liema partijiet mill-Kap. 452 japplikaw għall-ħaddiema tal-gvern, u l-imsemmija żewġ artikoli invokati mill-atturi huma esklużi. L-Artikolu 469A (6) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid ukoll li, in linea ġenerali, id-dispożizzjonijiet ta' liġi dwar kundizzjonijiet tal-impjieg ma japplikawx għall-haddiema tal-gvern, ħlief safejn liġi tipprovdi mod ieħor. Dan hu hekk peress illi servizz mal-gvern dejjem ġie meqjus li joħloq rapport speċjali li huwa regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih, u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-gvern. Kwindi, ma jista' jkun hemm ebda dubju, fil-fehma tal-Qorti, li l-artikoli tal-liġi invokati mill-atturi, li huma impjegati tal-gvern, mhux applikabbli għalihom*"[43];

Illi madankollu, il-Qorti tagħraf ukoll li, matul l-aħħar snin, sar bdil kbir fil-liġi biex, kemm jista' jkun, id-distinzjoni bejn il-liġi li tgħodd għall-ħaddiema tas-settur privat u dik li tgħodd għal dawk fis-settur pubbliku tixxejjen kemm jista' jkun u li liġi waħda – l-aktar f'dak li jirrigwarda t-tgawdija tal-kundizzjonijiet tax-xogħol – tkun tgħodd għal kulħadd. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, u b'mod partikolari dwar l-artikolu li fuqha tinbena l-eċċezzjoni taħt eżami, jidher ċar li safejn l-azzjoni attriċi ssemmi l-Artikolu 27 tal-Att XXII tal-2002, din timplika bażi ta' trattament diskriminatorju għaliex l-imsemmi artikolu li ddaħħal fl-2002 jaqa' taħt ir-ras ta' "Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni Relatata ma' l-Impjieg". Issa tajjeb li jingħad li, kif sewwa jgħidu l-imħarrkin fis-sottomissjonijiet tagħhom, meta fl-2007 il-Leġislatur għażel liema mid-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol kellhom jgħoddu għal ħaddiema fis-Servizz mal-Gvern, għoġbu jillimitaha għall-każijiet ta' vittimiżżazzjoni maħsuba fl-Artikolu 28 tal-imsemmi Att u ma semmiex l-Artikolu 27 ukoll[44];

Illi qari xieraq tal-liġi (sussidjarja) msemmija titfa' dawl mod ieħor. Dan għaliex il-liġi (sussidjarja) li tirregola t-trattament indaqs fl-impjiegi[45] (u li l-għan dikjarat tagħha huwa dak li "jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet rilevanti lid-Direttivi tal-Kunsill 76/207KEE, 2000/78KE, 2000/43KE, u 2006/54KE"[46]) tagħmilha ċara li din tgħodd għall-persuni kollha kemm tas-settur pubbliku kif ukoll privat u jinkludi s-servizz mal-Gvern kif estiż bl-Avviż Legali fuq imsemmi. Dan l-Avviż Legali jsemmi l-Artikolu 31 tal-Att. Fl-Artikolu 31 tal-Att, fost l-artikoli li dwarhom il-Ministru ngħata s-setgħa li jagħmel regolamenti, hemm sewwasew l-Artikolu 27 tal-Att. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser li

[43] App. Ċiv. **29.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Eric Abdilla et v. Id-Direttur Ġenerali (Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika) et***
[44] A.L. 524 tal-2007 (L.S. 452.100)
[45] Regolamenti dwar it-Trattament Ugwali fl-Impieg (A.L. 461/04, L.S. 452.95) kif emendati
[46] Reg. 1(2) tal-A.L. 461/04

mhuwiex daqshekk assolut li kwestjonijiet dwar diskriminazzjoni fuq is-saħħa ta' ħlas indaqs għal xogħol tal-istess siwi ma jgħoddx tabilħaqq ukoll għall-ħaddiema fis-settur pubbliku bħalma huma l-atturi f'din il-kawża. Minbarra dan, ir-Regolamenti jagħmluha ċara li kwestjonijiet bħal dawk li jitkellem dwarhom l-Artikolu 27 jitqiesu bħala każijiet ta' diskriminazzjoni, lil hinn minn kunsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru[47];

Illi dan kollu qiegħed jingħad biss għall-finijiet tal-eċċezzjoni li tqajmet u ma għandu bl-ebda mod jitqies li l-Qorti qiegħda tgħaddi ġudizzju fuq is-siwi tat-talbiet attriċi safejn jinvokaw l-imsemmi Artikolu 27 bħala l-bażi tal-istħarriġ tal-għemil amministrattiv attakkat. Il-Qorti ssib ukoll li l-azzjoni attriċi mhijiex imsejsa biss fuq il-ksur tal-liġi kif stabbilita fl-imsemmi Artikolu 27, imma fuq kawżali oħrajn li ma' dak l-artikolu m'għandhom xejn x'jaqsmu;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas din l-eċċezzjoni preliminari ma hija mistħoqqa u mhux se tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni, it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari** bħala mhux mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet li tressqu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' il-każ; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza jitħallsu mill-imħarrkin.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**25 ta' Frar, 2021**

[47] Reg. 3A tal-A.L. 461/04